*Fil-qoxra ta' quddiem ta' din il-ħarġa speċjali tal-fuljett BEJNIETNA, jidher ritratt tal-kwadru titulari tal-Martirju ta' San Ġorġ. F'dan l-artiklu, l-kritiku u studjuż ta' l-Arti, Mario Buhagiar, jagħtina tagħrif interessanti dwar dan it-titular. Dan it-tagħrif huwa meħud b'ħajr minn studju tiegħu, "Xogħlijiet ta' Arti u Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ," li deher fil-ktieb* ***"Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi: Erba' Sekli ta' Storja"****, Ed. Joseph F. Grima, Malta 1984, pp. 59 - 61.*

# IL-KWADRU TITULARI TAL-MARTIRJU TA' SAN ĠORĠ

Xogħol sabiħ li kien ġie kkummissjonat minn għand il-pittur Kalabriż Mattia Preti (1613 - 1699). Jissemma l-ewwel darba bħala xogħol tal-Preti fl-atti tal-vista pastorali li l-isqof Davide Cocco Palmieri kien għamel f'Ħal Qormi fl-1699, ftit wara l-mewt tal-artist[1]. Id-data meta tpinġa mhix magħrufa iżda, tradizzjonalment, jingħad li huwa xogħol tardiv ta' l-artist li ma leħaqx temmu għal kollox[2]. Donnu sa minn żmenijiet antiki kien hemm dubji serji kemm verament ħareġ minn id l-artist. Wieħed ma jridx jinsa li Preti fit-tmienja u tletin sena li għex Malta, bejn l-1661 u l-1699, kien il-ħin kollu mgħobbi b'ħafna xogħol u proġetti kbar, kemm għal Malta kif ukoll għal barra minn Malta[3], hekk li kien fiżikament impossibbli li jwettaq personalment ix-xogħlijiet kollha li kienu jikkommissjonawh. Bħal ħafna artisti magħrufa ta' żmien il-Barokk, huwa kien iżomm *bottega* jew studju li fih pitturi oħra, wħud minnhom studenti w apprentisti, kienu jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu[4]. Meta nitkellmu fuq il-pittura ta' Mattia Preti huwa, għaldaqstant, importanti li niddistingwu bejn xogħlijiet esegwiti minnu u xogħlijiet tal-*bottega*. Ħafna drabi kien jiġri li l-imgħallem kien jagħmel l-abbozz u d-disinji preparatorji w imbagħad iħalli l-esekuzzjoni tal-pittura f'idejn l-assistenti tiegħu u, forsi, jagħti l-irtokki finali. Bosta mill-kwadri li huma dokumentati bħala xogħol tal-Preti saru b'dan il-mod. Fosthom nistgħu nsemmu t-titular tal-knisja ta' San Mattew tal-Maqluba, l-Qrendi[5], u l-kwadru l-kbir tas-Salvatur ta' Ħal Lija[6] fejn jidher li Preti kien responsabbli biss għal dettal mill-parti t'isfel li turi t-tlett Appostli mbeżża' fuq it-Tabor waqt li l-bqija tat-tila (li tinkludi x-xena tat-Trasfigurazzjoni) ħallieha f'idejn xi assistent. Il-kwadru ta' San Ġorġ aktarx li jaqa' wkoll f'din il-kategorija. Il-figura

stupenda ta' San Ġorġ tixhed id l-imgħallem imma dettalji oħra huma aktarx fjakki u fihom ma nistgħux ma narawx l-intervent ta' l-assistenti. Irridu ngħidu, b'dan kollu, li l-istat preżenti tal-kwadru ma tantx jippermetti analiżi kritika. Ħsarat kbar m'għandux, iżda l-verniċ qadim, safrani bit-trabijiet u l-għabra li ġabar miegħu u r-restawr ħażin ta' l-imgħoddi qed jostru s-sbuħija veratiegħu[7]. Il-kwadru ma jistax jitgawda kif jixraq qabel ma jiġi mnaddaf minn id esperta.

Ikonografikament, il-kwadru għandu rabtiet mill-qrib ma' dak ta' *Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina* li naraw fil-knisja ta' Santa Catarina d'Italia, l-Belt. Teknikament u artistikament, din il-pittura hija superjuri għal dik ta' San Ġorġ; hija, difatti, magħduda fost l-aqwa xogħlijiet ta' Preti f'pajjiżna[8]. Tant kienet intgħoġbot li Preti u l-artisti ta' madwaru spiss kienu jisselfu dettalji minnha għal kwadri oħrajn. Jista' jagħti l-każ li min qabbad il-*bottega* ta' Preti biex tpitter it-titular ta' San Ġorġ wera x-xewqa li dan ikun jixbaħ lil dak ta' Santa Katarina. Fiż-żewġ kwadri l-att traġiku tal-martirju jitwettaq fuq palk tond li titla' għalih b'taraġ li madwaru tinġabar folla ta' nies twajba u sempliċi kurjużi waqt li t-tirann jassisti għad-dramm minn fuq tron, għamla ta' palkett[9]. Fis-*San Ġorġ* is-sema tinfetaħ biex turina lil Kristu fil-glorja Tiegħu nieżel biex jilqa' ruħ il-Qaddis waqt li anġlu jnewwillu l-palma tal-martirju u l-kuruna tal-glorja[10]. Il-figura ta' Kristu narawha ripetuta b'varjazzjonijiet żgħar fi kwadri oħra. Jidher li *l-bottega* tal-Preti kienet tagħmel użu mid-disinji tal-imgħallem għal diversi kwadri u kien isir tibdil meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi. Din ukoll kienet drawwa komuni fil-pittura barokka. Ħaġa li ma tantx niltaqgħu magħha f'xogħlijiet oħra ta' Preti hija dik ix-xena żgħira (dik li bl-Ingliż jgħidulha *inset*), li m'għandha x'taqsam xejn mas-suġġett ewlieni, li turina lil San Ġorġ fuq iż-żiemel qed jissara mad-dragun. Donnu li dan l-episodju poetiku fil-ħajja tal-Qaddis kien wisq għal qalb il-Qriema biex jitħalla barra għal kollox! Ta' min jgħid, iżda, li *inset* simili jidher ukoll fit-titular l-ieħor ta' San Ġorġ li Preti kien pitter snin qabel għall-Kappella ta' Aragona fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann.

**MARIO BUHAGIAR**

# ☐ ☐ ☐ ☐ ☐ RIFERENZI ☐ ☐ ☐ ☐ ☐


1. Arkivju Arċiveskovili, Malta (AAM), *Visitatio Cocco Palmieri 1699*, f. 97r

2. G. Calleja, *The Works of Art in the Churches of Malta and the Governor's Palace, Valletta* (translated and edited by G. A. Godwin), Malta 1881, p.106. Ara wkoll A. Ferres, *Descrizzione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, p.358 u C. Psaila, *Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi Bil-Ġrajja Tagħha*, Malta 1937, p.43. Ta' min jinnota iżda li l-prospettiva tal-kor tlestiet fl-1673 (V. Borg, *"Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi Tinbena u Titħejja għall-Jum il-Konsagrazzjoni Tagħha"*, "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ : Erba' Sekli ta' Storja", Ed. Joseph F. Grima, Malta 1984, p.19) meta Preti kien fl-aqwa tal-perjodu Malti tiegħu. Nafu minn knejjes oħra ta' l-istess żmien li t-tlestija ta' prospettiva ġdida kienet, ġeneralment, tkun l-okkażjoni biex jinbidel il-kwadru ta' l-artal u naħseb li hekk ġara f'Ħal Qormi. Jibqa' l-fatt, b'danakollu, li l-kwadru ma jissemma fl-ebda vista pastorali qabel l-1699, għalkemm bejn l-1673 u dik is-sena kien hemm tlieta, jiġifieri dawk tal-1679, 1686 u 1693.

3. Bernardo de' Dominici, "Notizie della Vita del Cavaliere Fra Mattia Preti", estratta minn *Le Vite dei Pittori, Scultori ed Architetti Napoletani*, Malta 1864, pp.81 - 124. Fost ħwejjeġ oħra de' Dominici, li bħala tifel kien iltaqa' ma' Preti (pp.136 - 137), jgħidilna (p.109) li kienu jaslulu kontinwament kummissjonijiet għal xogħlijiet minn diversi bnadi ta' l-Ewropa: *Moltissime poi furono le commessioni, che da diverse parti d'Italia, di Francia, di Spagna, di Germania, e di Fiandria vennero al Commendatore.*

4. Bernardo de' Dominici, op.cit., pp.135-141, isemmi wħud mill-istudenti u dixxipli tal-Preti li ħafna minnhom kienu kavallieri (p.140) jew barranin (p.135). Kien hemm ukoll xi Maltin bħal Gio. Battista Caloriti, mlaqqam l-Iswed, u ibnu Giuseppe (p.136) u ċertu Dimitri (p.140). Missier Bernardo, Raimondo de Dominici, li aktarx kien twieled Malta, u zitu Suor Maria de Dominici (pp.136 - 137) kienu wkoll tħarrġu taħt Preti.

5. Bernardo de' Dominici, *op.cit.*, p.108.

6. AAM, *Visitatio Cocco Palmieri 1708 - 1710*, ff.280rv. Dan id-dokument ġie mxandar l-ewwel darba minn V. Borg, *Il-Knisja ta' Ħal Lija - Storja, Arkitettura, Pittura*, Malta 1982, p.23.

7. Skond C. Psaila, *op.cit.*, p.43, il-kwadru kien issewwa fl-1883. Rafel Bonnici Calì (komunikazzjoni personali 24/xi/1983) qalli wkoll li Giuseppe Calì kien irtokkjah fl-1905 meta kien qed ipitter l-apside tal-kor.

8. Kontra dak li jaħsbu ħafna, dan hu xogħol bikri li aktarx ġie kkumissjonat mill-Kavallieri Taljani fl-1659 qabel ma Preti ġie joqgħod Malta. Għal tagħrif dwaru ara M. Buhagiar, *St. Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands*, Malta 1979, p.202.

9. Massensio fil-każ ta' Santa Katarina, u Dijolezzjanu f'dak ta' San Ġorġ. Palkett simili jidher ukoll fit-titular tal-*Martirju ta' San Lawrenz* fil-kolleġġjata tal-Birgu. L-arti Barokka hi min-natura stess tagħha artu tejatrali u, għalhekk, ix-xebħ ma' dramm fuq il-palk m'għandux jiskantana. Bernardo de' Dominici, *op.cit.*, p.143, jagħtina dan it-tagħrif interessanti dwar kif kien jaħdem Preti: *Dopo che il Cavaliere si era col pensiero formato l'idea del soggetto lo abbozzava in più maniere sopra la carta, e di quel che più gli piaceva, formava poscia il disegno, e dal disegno le figure sul naturale, ponendo il modello su di un palco fatto apposta con alcuni scalini larghi per comodo dell' azione, ed il lume veniva da una finestra alta dieci palmi da terra.*

10. Kien hemm żmien meta l-palma u l-kuruna kienu saru tal-fidda, aktarx b'xi wegħda, iżda dawn neħħewhom waqt ir-restawr tal-1883. Ara C. Psaila, *op.cit.*, p.43.